# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278



**Nru. 391.** **Lulju 2009.**


---

## MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA

## F'MARSALFORN

Il-Leġjun ta' Marija t'Għawdex ser jorganizza bħas-snin l-imgħoddija Manifestazzjoni Marjana favur

« **Ambjent Moralment Nadif** » , f'dan ix-xahar ta' Lulju.Din ser tinżamm:

| | |
|---|---|
| **Nhar:** | Il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2009 |
| **Post:** | Marsalforn - Għawdex. |
| **Ħin:** | Fis- 7.30p.m. |

Fis-7.30p.m.Fit-Triq ta' Fuq il-Wied qrib il-Parking ta' Marsalforn jibda jingħad ir-Rużarju Meditat bil-kant quddiem l-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima . Fit-8.00p.m. imbagħad fl-istess post issir Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fejn jagħti messaġġ tal-okkażjoni.

Is-saċerdoti kollha huma mistiedna biex jikkonċelebraw. (Iġibu magħhom Alba u stola Bajda).

Nagħmlu appell lir-responsabbli tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex huma flimkien mal-membri tagħhom u l-Għawdxin kollha iħallu din id-data libera u jieħdu sehem f'din il-Manifestazzjoni Pubblika Marjana.

---

## AVVIŻ :PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN GĦAL ĦAD-DINGLI MALTA

Nixtiequ minn issa nfakkru u navżaw illi fix-xahar t'Awissu 2008 ser isir attività Djoċesana din hija.

**Pellegrinaġġ Djoċesana għal Ħad-Dingli Malta nhar It-Tlieta, 18 t'Awissu, 2009. Nitilqu mal-Vapur tal-5.15p.m mill-Mġarr Għawdex. Immexxi il-Pellegrinaġġ l- E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.** Fl-« iNewsheet" t'Awissu nagħtukom iktar detalji. Nitolbu lil dawk kollha responsabbli tal-Għaqdiet,Gruppi Ekkleżjali u Moviment Kattoliċi biex iżommu din id-data libera mil-laqgħat biex minn ikun jrid jattendi jkun jista' jiġi għal dan il-pellegrinaġġ. Kulħadd huwa mistieden.

==================================================================

***Is-Sajf – Jiem ta' Mistrieħ. Jiem ta' esperjenzi ġodda.***

***Jiem ta' Appostolat favur Ambjent Moralment Nadif.***

**Kalendarju Pastorali**
**Lulju – 2009**
**Numru 391**

1.Erbgħa Il-Beatu Nazju Falzon Kjeriku. Tifkira.
Id-disa' Erbgħa ta' Santa Marija.
Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m.
3.Ġimgħa San Tumas Appostlu. Festa.
L-ewwel Ġimgħa tax-xahar . Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.
Kors ta' Formazzjoni għall-Pastorali tal-Familja (Mit-3 sat-12 ta' Lulju).
4.Sibt Santa Eliżabetta tal-Portugall - Tifkira
L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi.
Kunsill Presbiterali –Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 9.00a.m.
Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Vict. bil-Quddiesa Fit-8.30p.m.
Laqgħa Grupp Missjunarju Għawdxi fis-Seminarju fil-5.00p.m.
5.Ħadd L-Erbatax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena B. Paġina 410.
Festa taż-żjara tal-Verġni Marija lil Santa Eliżabetta – Parroċċa Għarb.
6.Tnejn Santa Marija Goretti,verġni u martri - Tifkira.
8.Erbgħa L-għaxar Erbgħa, ta' Santa Marija.
11.Sibt San Benedittu Abbati, Patrun ta' l-Ewropa, Festa.
Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda fit-8..30p.m.
12.Ħadd Il-Ħmistax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena B .Paġina 415.
Festa tal-Madonna tas-Sokkors – Parroċċa Kerċem.
13.Tnejn Issir It-3 Dehra tal-Madonna ta' Fatima f'Ta' Ħamet fis-7.30p.m .
15.Erbgħa San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (O)
Il-ħdax - il Erbgħa ta' Santa Marija.
16.Ħamis Festa Liturġija tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet u fix-Xlendi.
It-18 il-dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.
Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet.
18.Sibt Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Knisja ta'San Pawl Marsalforn li tibda fis-7.30p.m.
Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tar-Ragħaj it - Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.30p.m.
19.Ħadd Is-Sittax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena B. Paġina 421.
Festa ta' San Ġorġ – Parroċċa San Ġorġ –Rabat..
20.Tnejn Id-39 anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi.Nitolbu għalih.
21.Tlieta San Lawrenz ta' Brindisi presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira.
22.Erbgħa Santa Marija Maddalena, dixxipla tal-Mulej Tifkira (0)
It-tnax -il Erbgħa ta' Santa Marija.
23.Ħamis Santa Briġida, Reliġjuża-Patruna ta' l-Ewropa – Festa.
Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn li tibda fis-7.30p.m. b'Rużarju Meditat u fit-8.00p.m.
Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.
25.Sibt San Ġakbu, Appostlu. – Festa.
Festa Knisja ta' San Ġakbu, Victoria.
Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina,Victoria li jibda fit-8.30p.m.
26.Ħadd Is-Sbatax-il Ħadd tas-sena. Messalin, Sena B. paġina 426.
Festa ta' Santa Margerita – Parroċċa ta' Sannat.
Festa ta' Sant'Anna fil-Kappella tad-Dwejra f' San Lawrenz.
29.Erbgħa Festa ta' Santa Marta – Knisja tal-Għonq, Victoria.
It-tlettax -il Erbgħa ta' Santa Marija.
30.Ħamis San Pietru Krisologu, isqof u duttur tal-Knisja -Tifkira
31.Ġimgħa Tifkira ta' Sant' Injazju ta' Loyola, Fundatur tal-Ġiżwiti.
. Festa ta' Sant'Injazju fil-Kappella ta' Manresa, Dar tal-Irtiri, Victoria.
Tibda l-Kwindiċina ta' Santa Marija